MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' Awwissu, 2005

Appell Civili Numru. 29/2005/1

**Dr Joseph Brincat bhala mandatarju specjali**
**ta' Mark Charles Stephens**

**v.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell tar-rikorrent Dr Joseph Brincat *nomine* minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha fit-30 ta' Gunju 2005. Fir-rikors promotur intavolat quddiem dik il-Qorti fit-3 ta' Mejju 2005, ir-rikorrent, illum appellant, allega li Mark

Charles Stephens kien jinsab "illegalment arrestat u detenut fi Spanja fuq talba illegali u mandat illegali da parti tal-awtoritajiet Maltin". Ir-rikorrent talab lil dik il-Qorti "(**1**) tiddikjara li l-arrest ta' Mark Charles Stephens maghmul bi skop ta' estradizzjoni ghal Malta fuq il-mandat mahrug fit-23 ta' Novembru 2004 huwa illegali ghaliex ma gietx segwita il-procedura stabbilita mil-ligi, u konsegwentement tali arrest ivvjola u qed jivvjola l-Art. 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, (**2**) thassar u tirrevoka tali mandat, (**3**) tordna lill-intimat li immedjatament jinforma lill-awtoritajiet Spanjoli li l-mandat gie revokat, (**4**) tikkundanna lill-intimat ihallas kumpens xieraq lir-rikorrent ghall-vjolazzjoni lamentata u l-ispejjez".

**2.** Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza gew magistralment rikapitolati kronologikament mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha bil-mod segwenti:

**"Illi fil-qosor, mill-atti proċesswali <u>joħorġu dawn il-fatti</u>. Fil-5 ta' April, 2004, il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti Istruttorja ħarġet mandat ta' arrest fil-konfront tar-rikorrent. Dan l-ordni nħareġ waqt il-kumpilazzjoni ta' żewġ persuni oħrajn mixlija b'reati konnessi ma' traffikar ta' droga. Dak l-ordni nħareġ taħt l-artikolu 397 tal-Kap 9. L-imsemmi ordni ġie komunikat b'meżżi diplomatiċi[1] lill-awtoritajiet kompetenti Spanjoli biex tintalab l-estradizzjoni f'Malta tar-rikorrent. Fl-10 ta' Ġunju, 2004, il-Qorti Ċentrali Istruttorja fi Spanja ħarġet ordni għat-teħid ta' proċedura ta' estradizzjoni kontra r-rikorrent. Il-pulizija Spanjola arrestat lir-rikorrent f'Alicante, Spanja, fejn kien jinsab, f'Awissu tal-2004, u żammitu l-ħabs bis-saħħa ta' dak l-ordni. Wara li saret talba mir-rikorrent għall-ħelsien mill-arrest u l-għoti tal-liberta' proviżorja, it-talba tar-rikorrent intlaqgħet mill-Qorti kompetenti Spanjola, pendenti l-proċedura tal-estradizzjoni;**

[1] Nota Verbali 28/2004 tat-13 t'April, 2004

**"Illi b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fit-12 ta' Novembru, 2004[2], l-imsemmi ordni nstab li kien illegali billi ma setax jingħata minn Qorti Istruttorja fl-istadju tar-rinviji. Dik is-sentenza ordnat ukoll il-ħelsien minnufih tar-rikorrent. B'sentenza mogħtija fit-23 ta' Novembru, 2004, il-Qorti Kostituzzjonali, fuq appell mill-imsemmija sentenza, sabet li l-mandat ta' arrest maħruġ kontra r-rikorrent fil-5 ta' Frar, 2004, kien null u bla effett għar-raġuni biss li mandat bħal dak ma setax jinħareġ mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti Istruttorja bis-saħħa tal-artikolu 397 tal-Kodiċi Kriminali, u għalhekk, l-arrest tar-rikorrent bis-saħħa ta' dak l-ordni kien illegali u jikser il-jedd tiegħu għal-liberta' u ħelsien mill-arrest arbitrarju skond l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni;**

**"Illi dak inhar stess li ngħatat l-imsemmija sentenza, il-Maġistrat Dottor Abigail Lofaro ħarġet mandat ta' arrest fil-konfront tar-rikorrent[3] u dan taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 355V tal-Kodiċi Kriminali. L-awtoritajiet Maltin bagħtu jgħarrfu lill-awtoritajiet ġudizzjarji Spanjoli b'dan, u r-rikorrent reġa' ġie arrestat u miżmum f'ħabs f'Madrid b'seħħ mit-30 ta' Novembru, 2004. B'sentenza mogħtija fit-28 ta' Marzu, 2005[4], il-Qorti Kriminali Nazzjonali (Tieni Sezzjoni) fi Spanja ordnat it-tkomplija tal-proċedura ta' estradizzjoni lejn Malta tar-rikorrent u dan bis-saħħa tal-ordni tal-arrest maħruġ kontrih fit-23 ta' Novembru, 2004 (li jibdel l-ordni ta' arrest oriġinali maħruġ fil-5 ta' Frar, 2004). Minn din is-sentenza, fis-16 ta' Mejju, 2005, ir-rikorrent ressaq appell[5] li sallum jidher li għadu pendenti. Din il-kawża nbdiet fit-3 ta' Mejju, 2005."**

**3.** Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, bis-sentenza taghha hawn aktar 'l fuq imsemmija, cahdet it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra tieghu, u dan billi ma sabitx "li l-mandat

---

[2] P.A. Kost (NC) fil-kawża fl-ismijiet *Dr Joseph Brincat noe vs L-Avukat Ġenerali* (Rik. Kost. 40/04NC)
[3] Dok f'paġ. 42 tal-proċess
[4] Dok "AN1", f'paġġ. 20-8 tal-proċess
[5] Dok "AN2", f'paġġ. 29 sa 37 tal-proċess

ta' arrest mahrug fil-konfront tar-rikorrent fit-23 ta' Novembru 2004 huwa wiehed illegali, jew li l-arrest tar-rikorrent bis-sahha ta' l-istess mandat huwa arrest li jikser id-disposizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali fil-konfront ta' l-istess rikorrent". Dik il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkunsidrat is-segweneti:

**"Illi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jikkaratterizżaw dan il-każ jidher li jduru mal-effikaċja tal-ordni tal-arrest mogħti fit-23 ta' Novembru, 2004, għall-finijiet li għalih kien maħsub. Wieħed irid jara jekk mandat ta' arrest bħal dak japplikax biss bħala kontroll fuq l-eżerċizzju tas-setgħat tal-Pulizija Maltija fil-ġurisdizzjoni Maltija u dwar persuna li tkun tinsab f'Malta. Minn dan, wieħed irid iqis ukoll jekk mandat bħal dak jaqbilx mal-ordni li hija meħtieġa fi proċedura għall-estradizzjoni ta' persuna lejn Malta;**

**"Illi l-argument ewlieni tar-rikorrent f'dan il-każ hu li, ladarba l-ordni tal-arrest oriġinali mogħti kontrih fil-5 ta' Frar, 2004, kien instab li huwa wieħed illegali b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali, allura l-proċess kollu ta' estradizzjoni mibdi kontrih waqa' wkoll. Għalhekk, huwa qiegħed jargumenta li l-ordni tal-arrest tiegħu maħruġ minn Maġistrat fit-23 ta' Novembru, 2004, taħt l-artikolu 355V tal-Kodiċi Kriminali, huwa bidu mill-ġdid tal-proċedura tal-estradizzjoni tiegħu u mhux it-tkomplija ta' dak il-proċess li nbeda qabel bis-saħħa ta' mandat ta' arrest li ma kienx jiswa. Ladarba huwa proċess ġdid, kellu jimxi skond il-liġi li kienet tirregola l-estradizzjonijiet f'dak iż-żmien. Din il-liġi hi l-Ordni tal-2004 dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni li daħlet fis-seħħ fis-7 ta' Ġunju, 2004[6], u għandha tapplika dwar kull talba għall-estradizzjoni ta' persuna li ssir wara dak inhar. Huwa jisħaq li l-Avviż Legali msemmi temm għal kollox l-effetti tal-Konvenzjoni tal-1957**

[6] A.L. 320 tal-2004

**dwar l-estradizzjonijiet, ħlief għal dawk il-proċedimenti ta' estradizzjoni li kienu għadhom pendenti. Ir-rikorrent jgħid li l-ordni tal-arrest tiegħu taħt l-artikolu 355V huwa, għalhekk, illegali u jikser il-jedd tiegħu li ma jinżammx arrestat arbitrarjament taħt l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni;**

**"Illi min-naħa tiegħu, l-intimat jgħid li l-legalita' tal-ordni tal-arrest maħruġ fit-23 ta' Novembru, 2004, ma tistax titqiegħed f'dubju. L-ordni msemmi huwa wieħed maħruġ skond il-liġi u jservi għall-għan li għalih inħareġ. Iqis li dak l-ordni, għalkemm element kostitutiv siewi tal-proċess ta' estradizzjoni tar-rikorrent, m'huwiex il-proċess innifsu. Id-dokumenti meħtieġa biex isostnu talba għal estradizzjoni jikkumplimentaw dik it-talba imma huma distinti minnha. "Jgħid li l-proċess tat-talba ta' estradizzjoni baqa' mhux mittiefes u l-mandat ta' Novembru issana nuqqas proċedurali li kien seħħ meta ngħata l-ordni oriġinali ta' Frar, 2004. Itenni li ż-żamma tar-rikorrent għadha regolata bil-proċedura mibdija skond u bis-saħħa tal-Konvenzjoni Ewropeja tal-1957 dwar l-Estradizzjoni, u mhux skond id-dispożizzjonijiet tal-Avviż Legali 320 tal-2004. Huwa jgħid, għalhekk, li l-arrest tar-rikorrent m'huwiex illegali, u ta' dan ħadet qies ukoll il-Qorti Spanjola meta tat il-provvediment tagħha f'Marzu, 2005;**

**"Illi l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni, li fuqu jsejjes il-każ kollu r-rikorrent *nomine*, jipprovdi li hu dritt ta' kull persuna għal-liberta' u s-sigurta' tagħha, u ħadd m'għandu jiġi mċaħħad mill-ħelsien tiegħu. Dak l-artikolu wkoll isemmi sitt (6) ċirkostanzi li huma meqjusa l-eċċezzjoni għal dan il-jedd, jekk kemm-il darba jkunu skond proċedura preskritta mil-liġi. Fost dawn hemm l-arrest jew żamma skond il-liġi ta' persuna li kontra tagħha tkun qed issir kawża għad-deportazzjoni jew għall-estradizzjoni[7]. Persuna miżmuma b'arrest għandu jkollha jedd li tagħmel proċeduri li bihom qorti tiddeċiedi bla dewmien jekk l-**

[7] Art. 5(1)(f)

**arrest jew iż-żamma tagħha hijiex skond il-liġi, u jekk jidher li dak l-arrest jew żamma mhux legali, tordna li dik il-persuna tinħeles minnufih[8]. Persuna li jintwera li kienet arrestata jew miżmuma kontra l-liġi, għandha jedd titlob kumpens[9];**

**"Illi l-każijiet maħsuba fl-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni, ħlief għall-ewwel ċirkostanza, kollha japplikaw f'kuntest fejn ma jkunx għad hemm kundanna definittiva u fejn ir-raġunijiet maħsuba għaċ-ċaħda tal-liberta' tal-persuna huma kollha "kawtelatorji" għal xi għan jew ieħor marbut mal-ordni pubbliku. Għalhekk ingħad li dawk iċ-ċirkostanzi għandhom jingħataw tifsira ristretta għall-aħħar u m'għandhom bl-ebda mod jitwessgħu b'tiġbid jew b'analoġija, għaliex ilkoll jimmilitaw kontra l-prinċipju li l-bniedem huwa meqjus innoċenti sakemm ma jkunx instab ħati[10], u kif ukoll tal-prinċipju konvenzjonali ewlieni li l-ħelsien tal-bniedem huwa prijorita';**

**"Illi l-kliem tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni jisħaq dwar il-legalita' tal-arrest jew żamma, ukoll f'dawk iċ-ċirkostanzi tassativi li jitqiesu bħala l-eċċezzjoni għar-regola. Din il-legalita' hija marbuta mal-eżistenza ta' dispożizzjoni fil-liġi li tippermetti arrest jew żamma bħal dik. Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel kriterju li għandu jiġi soddisfatt hu dak li <u>jkun hemm dispożizzjoni espressa tal-liġi</u> li tkopri sitwazzjoni bħal dik;**

**"Illi fil-liġi tagħna, s-setgħat ta' arrest u detenzjoni huma maħsubin u regolati, fost l-oħrajn, fil-Kodiċi Kriminali stess[11]. Bil-bidliet li daħlu fis-seħħ bl-Att III tal-2002, il-prinċipju llum hu li, għajr fejn xi dispożizzjoni ta' liġi ma tgħidx li arrest jista' jsir mingħajr mandat[12], kull arrest irid isir b'mandat ta' arrest mingħand Maġistrat, fuq talba tal-Pulizija għall-ħruġ tiegħu. Dan jidher li jgħodd għal kull mandat ta'**

---

[8] Art. 5(4)
[9] Art. 5(5)
[10] Art. 6(2)
[11] Ara artt. 355V sa 355AP tal-Kap 9
[12] Artt. 355X u 355Y tal-Kap 9

**arrest, magħduda dik li qabel kienet magħrufa bħala s-setgħa tal-Pulizija li teffettwa arrest amministrativ jew eżekuttiv[13]. Jidher li, bis-saħħa tal-artikolu 355V, kull arrest (safejn m'hemmx l-eżenzjoni ta' mandat b'dispożizzjoni ta' liġi) irid ikun "arrest ġudizzjarju";**

**"Illi fil-qafas ta' proċeduri għal estradizzjoni, il-legalita' tal- arrest jew iż-żamma (detenzjoni) ta' persuna għall-finijiet tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni titqies skond il-liġi tal-Istat konċernat u skond l-istess Konvenzjoni. F'dan ir-rigward, huwa stabilit li "** ***'lawful' has been interpreted as referring to both procedure and substance, so that the two requirements overlap. In practice, the Court sometimes merges its consideration of the two requirements, treating procedural, as well as substantive, regularity by reference to the single requirement that a deprivation of liberty be 'lawful'. It follows that the Court has developed the same meaning for the two requirements. Thus, the requirement of 'lawfulness' has also been understood to mean that any detention must be in accordance with the applicable municipal law and the Convention, and must not be 'arbitrary'. ... In the context of Article 5(1)(f), the Commission has suggested that 'lawful' also incorporates the requirement that the municipal law upon which the detention is based must be accessible and foreseeable in its application*****"[14];**

**"Illi irid jitqies, għalhekk, jekk mandat ta' arrest maħruġ taħt l-artikolu 355V tal-Kodiċi Kriminali jgħoddx ukoll għal proċeduri ta' estradizzjoni. Il-kliem innifsu tal-imsemmi artikolu ma jindika bl-ebda mod li l-arrest hemm imsemmi jirrigwarda biss persuni li jinsabu f'Malta. Il-kriterju waħdien li dwaru l-Pulizija tista' titlob Maġistrat biex joħroġ mandat bħal dak huwa li "jkun hemm raġunijiet bil-liġi għall-arrest ta' persuna". Min-naħa l-oħra, l-liġi tagħna li tirregola l-estradizzjoni tikkunsidra l-possibilita' fost l-oħrajn ta'**

---

[13] Taħt l-artikoli 347-9 tal-Kap 9 (imneħħija bl-Att III tal-2002)
[14] Harris, O'Boyle & Warbrick, Law of the European Convention on Human Rights, pp. 105-6

**mandat ta’ arrest maħruġ minn Maġistrat fuq tagħrif li persuna tkun jew hija maħsuba li tkun f’Malta jew fi triqtha lejn Malta[15]. Dan ifisser li mandat bħal dak jgħodd ukoll dwar persuna li mhux biss m’hux magħruf jekk tinsabx f’Malta, iżda wkoll dwar persuna li huwa magħruf li m’hijiex f’Malta fil-waqt li dak il-mandat jinħareġ. Din id-dispożizzjoni tal-liġi tgħodd għall-każ fejn l-arrest isir biex persuna tintbagħat lura f’art oħra. Meta wieħed jara x’tgħid il-liġi fil-każ ta’ talbiet ta’ estradizzjoni minn art oħra lejn Malta[16], ma jsib l-ebda dispożizzjoni speċifika dwar l-għamla ta’ mandat ta’ arrest li jista’ jinħareġ. Il-Qorti għalhekk tasal għall-fehma li l-artikolu 355V tal-Kodiċi Kriminali, bħala dispożizzjoni ġenerali, jirreferi għal kull mandat ta’ arrest maħruġ minn Maġistrat li jawtorizża lill-Pulizija li tipproċedi għall-arrest tal-persuna msemmija u għall-finijiet maħsuba fl-istess Kodiċi, ukoll jekk dik il-persuna tkun tinsab barra minn Malta fil-waqt tal-ħruġ ta’ dak il-mandat;**

**“Illi fis-sewwa għandu jingħad li l-Avviż Legali 320 tal-2004 huwa Ordni maħruġ bħala leġislazzjoni sussidjarja li taqa’ taħt l-Att tal-1978 dwar l-Estradizzjoni. Dan l-Ordni għandu għalhekk jitqies u jitfisser fit-termini tal-Att imsemmi, skond ir-regola tar-rabta bejn leġislazzjoni ewlenija u dik sussidjarja tagħha. Minbarra dan, dak li jidher jiswa l-aktar dwar mandat ta’ arrest maħruġ minn Maġistrat għall-finijiet ta’ proċedura għall-estradizzjoni m’huwiex daqstant jekk inħariġx taħt l-artikolu 355V tal-Kodiċi Kriminali daqskemm jekk iħarisx dak li titlob il-liġi bħala rekwiżiti għal dak il-għan. Dan jgħodd kemm f’dawk il-proċeduri mibdijin taħt il-Konvenzjoni tal-1957 u kif ukoll taħt dawk li, b’effett minn Ġunju tal-2004, jaqgħu taħt l-ambitu tal-mandat ta’ arrest ewropew maħsub fl-Avviż Legali 320 tal-2004;**

**“Illi fil-fehma tal-Qorti dan ifisser li l-arrest tar-rikorrent bis-saħħa tal-mandat maħruġ fit-23 ta’ Novembru, 2004, huwa wieħed li nħareġ taħt**

[15] Art. 14(1)(b) tal-Kap 276
[16] Art 25 tal-Kap 276

**dispożizzjoni espressa tal-liġi, minn awtorita' ġudizzjarja, u li jħares is-salvagwardji mitluba mill-artikolu 5 tal-Konvenzjoni dwar l-arrest u ż-żamma f'dan l-istat tar-rikorrent *proprio*;**

**"Illi m'għandux jintesa li n-natura essenzjali ta' proċess ta' estradizzjoni huwa wieħed li jitmexxa fuq livell diplomatiku, bit-talba għall-estradizzjoni magħmula mill-Ministru tkun il-qofol ta' dak il-proċess. Il-mandat ta' arrest (jew, jekk ikun hemm diġa' sentenza, l-kopja tas-sentenza) huwa meqjus biss bħala parti mid-dokumentazzjoni li ssaħħaħ dik it-talba. Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-intimat li l-mandat ta' arrest ma jikkostitwix it-talba nfisha tal-estradizzjoni tar-rikorrent *proprio*, iżda hija wieħed mill-elementi maħsuba biex jissostanzjaha, ukoll jekk element obbligatorju. Dan joħroġ mill-kliem tal-Konvenzjoni Ewropeja tal-1957 dwar l-Estradizzjoni[17]. Dik il-Konvenzjoni saħansitra tippermetti l-arrest provviżorju ta' persuna f'każijiet ta' urġenza, fuq il-fatt li hemm ordni ta' arrest jew sentenza u bil-wegħda li sejra ssir talba għall-estradizzjoni ta' dik il-persuna aktar 'il quddiem[18];**

**"Illi, min-naħa l-oħra, kieku kien minnu li t-talba għall-estradizzjoni tar-rikorrent kienet waħda ġdida mħarsa bid-dispożizzjonijiet tal-Avviż Legali 320 tal-2004, dwar ilpmandat ta' arrest ewropew, kienu jridu jitħarsu dispożizzjonijiet preċiżi fi ħruġ ta' mandat bħal dak. Kemm hu hekk, l-artikolu 62 tiegħu jipprospetta (a) mandat ta' arrest (taħt it-Taqsima III) maħruġ minn Maġistrat fuq talba ta' uffiċjal tal-Pulizija fi grad mhux anqas minn dak ta' spettur u (b) l-għoti tal-kunsens mill-Avukat Ġenerali għall-ħruġ ta' mandat bħal dak dwar dik il-persuna fuq, fost l-oħrajn, motivi biżżejjed biex wieħed jaħseb li dik il-persuna tkun għamlet reat ta' estradizzjoni. Skond l-imsemmi artikolu, l-mandat ta' arrest irid ikun fih dikjarazzjoni u ċertifikat. Id-dikjarazzjoni[19] f'każ bħal tar-rikorrent trid**

[17] Art. 12
[18] Art. 16
[19] Art. 62(4) tal-A.L. 320/04

**tkun waħda fejn il-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat tkun mixlija b'reat ta' estradizzjoni f'Malta li jissemma fil-mandat, u jkun maħruġ bil-għan li dik il-persuna tiġi arrestata u miġjuba f'Malta biex jitmexxa kontriha għal dak ir-reat. Iċ-ċertifikat[20] għandu jistabilixxi li l-imġiba li titqies bħala reat ta' estradizzjoni jaqa' fil-lista kwadru Ewropeja, jindika jekk ir-reat huwiex wieħed *extra* territorjali, u x'inhi l-ogħla piena li Qorti Maltija tista' tagħti f'każ ta' sejbien ta' ħtija ta' dik il-persuna dwar ir-reat li hija mixlija bih. Fil-każ preżenti, huwa evidenti li l-mandat ta' arrest maħruġ fit-23 ta' Novembru, 2004, ma fihx kulma huwa mitlub mill-artikolu 62 tal-Avviż Legali;**

**"Illi dawn il-konsiderazzjonijiet qegħdin isiru għaliex jindirizzaw il-kwestjoni dwar jekk il-proċeduri mibdija kontra r-rikorrent wara l-ħruġ tal-mandat tal-arrest tiegħu magħmul fi Frar tal-2004, intemmux jew spiċċawx fix-xejn meta dak il-mandat tqies bħala null u bla effett mill-Qrati ta' kompetenza kostituzzjonali. L-argument magħmul mill-għaref difensur tar-rikorrent dwar ir-rabta ta' dipendenza bejn is-siwi tal-mandat tal-arrest u t-talba għall-estradizzjoni huwa wieħed ċar u qawwi. Jisħaq ħafna fuq il-fatt li t-talba għall-estradizzjoni ma setgħetx tibqa' fis-seħħ ladarba l-mandat ta' arrest li t-talba ssejset fuqu tqies minn dawn il-Qrati bħallikeku ma kien jiswa qatt. Iżda l-argument tar-rikorrent ma jiqafx hawn: huwa qiegħed jgħid li l-mandat ta' arrest maħruġ fit-23 ta' Novembru, 2004, mhux biss ma jissanax proċedura li spiċċat mad-dikjarazzjoni li l-mandat oriġinali kien bla siwi, imma lanqas ma jiswa llum għaliex ma jwettaqx dak li kien meħtieġ kieku tqies bħala talba ġdida. Fi kliem ieħor, għar-rikorrent, illum lanqas biss hemm talba ġdida ta' estradizzjoni għaliex il-mandat maħruġ taħt l-artikolu 355V ma jħarisx dak mitlub mill-Avviż Legali 320 tal-2004;**

**"Illi l-Qorti ħasbet ħafna fuq dawn is-sottomissjonijiet tqis li, kif tajjeb issottometta l-intimat, l-eżistenza tal-**

[20] Art. 62(6) tal-A.L. 320/04

**proċedura ta' estradizzjoni pendenti quddiem il-Qorti kompetenti Spanjola hija fatt. Daqstant ieħor huwa fatt li dik il-Qorti baqgħet tqis il-każ fuq il-mertu tat-talba oriġinali li saret mill-Ministru, u dan minkejja li kienet mgħarrfa li l-ordni tal-arrest oriġinali kien tqies bla siwi. Huwa fatt ukoll li l-Qorti Spanjola[21] qieset li l-proċeduri kontra r-rikorrent kienu mibnija, fost l-oħrajn, fuq il-Konvenzjoni tal-1957 dwar l-Estradizzjoni u mhux fuq id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest ewropew. Dik il-Qorti qieset[22] ukoll li ma kienx kompitu tagħha li tippronunċja ruħha dwar il-leġittimita' tal-mandat ta' arrest maħruġ fis-sura maħsuba skond il-liġi tal-pajjiż fejn inħareġ. Fl-aħħarnett, dik il-Qorti qieset ukoll li l-mandat ta' arrest maħruġ fit-23 ta' Novembru, 2004, bidel u ddaħħal minflok dak maħruġ fi Frar tal-2004, fi ħdan l-istess talba. Meta tat is-sentenza tagħha tat-28 ta' Marzu, 2005, ma qisitx, għalhekk, li l-mandat ta' Novembru 2004 kien jikkostitwixxi l-bażi għal talba ġdida. Dawn iċ-ċirkostanzi ta' fatt huma aspetti li din il-Qorti m'għandhiex la kontroll fuqhom u lanqas ġurisdizzjoni li tippronunċja ruħha dwarhom;**

**"Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha u l-aktar fit-termini tat-talbiet magħmulin mir-rikorrent fir-Rikors promotur, il-Qorti tasal għall-fehma li l-mandat ta' arrest maħruġ fit-23 ta' Novembru, 2004, huwa biss element li jsawwar it-talba għall-estradizzjoni lejn Malta tar-rikorrent. Il-Qorti tasal għall-fehma wkoll li dak il-mandat kien jirreferi għal proċedura ta' estradizzjoni li kienet diġa' fis-seħħ fis-7 ta' Ġunju, 2004, u għalhekk ma kienx jgħodd għaliha dak preskritt fl-Avviż Legali 320 tal-2004. Fl-aħħarnett tqis li l-imsemmi mandat ma huwiex illegali għaliex inħareġ minn awtorita' kompetenti u għall-għanijiet li għalih kien maħsub. Minħabba f'hekk, il-Qorti tasal għall-fehma li tali mandat ma jiksirx il-jedd ta' liberta' u ħelsien mill-arrest arbitrarju tar-rikorrent kif imħares bl-artikolu 5 tal-Konvenzjoni."**

[21] Ara l-Ewwel Kap tal-Konsiderazzjonijiet Legali (*Razonamientos Juridicos*), f'paġ. 24 tal-proċess
[22] Kap Sitta tal-Konsiderazzjonijiet Legali, f'paġġ. 26-7 tal-proċess

**4.** Minn din is-sentenza appella, kif inghad, ir-rikorrent, u dan permezz ta’ rikors ippresentat fis-7 ta’ Lulju 2005. L-intimat Avukat Generali wiegeb permezz ta’ risposta presentata fl-14 ta’ Lulju 2005. Fl-udjenza tal-10 ta’ Awissu 2005 il-partijiet, fil-persuna ta’ l-Avukat Dott. Joseph Brincat u tad-Deputat Avukat Generali Dott. Preter Grech, ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom, u l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**5.** L-aggravji ta’ l-appellant, kif abbilment esposti mill-Avukat Dott. Joseph Brincat anke fil-kors tat-trattazzjoni tieghu, jistghu jigu sintetizzati hekk: (**i**) meta din il-Qorti, diversament komposta, bis-sentenza taghha tat-23 ta’ Novembru 2004 iddikjarat li l-mandat ta’ arrest mahrug mill-Qorti Istruttorja fil-5 ta’ Frar 2004 kien null u bla effett[23] u konsegwentement iddikjarat l-arrest ta’ Mark Stephens, in kwantu sehh in forza ta’ dak il-mandat, bhala wiehed illegali ghall-finijiet tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea[24], tali dikjarazzjoni gabet fix-xejn il-proceduri ta’ estradizzjoni li, skond l-appellant, kienu “imsejsa” fuq dak il-mandat; (**ii**) galadarba dawk il-proceduri ta’ estradizzjoni ngabu fix-xejn, allura, skond l-appellant, kellhom neccessarjament jinbdew proceduri <u>godda</u> ta’ estradizzjoni, <u>b’talba gdida</u>; (**iii**) peress li nel frattemp, u cioe` precisament fis-7 ta’ Gunju 2004, kienet giet fis-sehh ligi gdida (l-A.L. 230 ta’ l-2004) li tirregola l-estradizzjoni bejn Malta u Spanja, il-mandat ta’ arrest (gdid) li kellu jinhareg wara s-sentenza tat-23 ta’ Novembru 2004 kellu jkun skond din il-ligi gdida, u senjatament skond ir-regolament 62 ta’ l-Ordni ta’ l-2004 dwar Pajjizi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, u mhux, kif effettivament sar, skond l-Artikolu 355V tal-Kodici Kriminali; u (**iv**) fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju, anke li kieku wiehed kellu jghid li l-procedura ta’ estradizzjoni kienet baqghet

[23] “…u dana biss minhabba li dak il-mandat ma setax jinhareg minn dik il-Qorti bis-sahha tal-Artikolu 397 tal-Kodici Kriminali…” – ara l-paragrafu 14 tal-imsemmija sentenza tat-23 ta’ Novembru 2004.

[24] Il-Qorti ma ordnatx ir-rilaxx ta’ Stephens ghax, kif intqal fl-imsemmija sentenza tat-23 ta’ Novembru 2004, “…Stephens jinsab arrestat mill-awtoritajiet Spanjoli (in forza, iva, tal-mandat ta’ arrest tal-5 ta’ Frar 2004, pero` anke skond il-ligi Spanjola), u din il-Qorti ma ghandha ebda gurisdizzjoni fuq dawk l-awtoritajiet Spanjoli. Ir-rimedju jista’ jkun biss wiehed dikjaratorju, u kumpens ghal danni morali.”

fis-sehh u kienet allura regolata bil-*European Convention on Extradition*, mandat ta’ arrest mahrug taht l-imsemmi Artikolu 355V ma kienx tajjeb ghall-finijiet ta’ tali estradizzjoni ghax mandat taht dana l-artikolu seta’ jinhareg biss biex tigi arrestata persuna li tkun tinsab Malta u mhux ukoll persuna li effettivament kienet tinsab barra minn Malta (f’dan il-kaz, fi Spanja).

**6.** It-tezi ta’ l-Avukat Generali, kif esposta kemm fir-risposta tieghu tal-14 ta’ Lulju 2005 kif ukoll fit-trattazzjoni tal-abbili Deputat Avukat Generali Dott. Peter Grech, hi li s-sentenza tat-23 ta’ Novembru 2004 ma affetwatx it-talba u l-proceduri ghall-estradizzjoni li kienu diga` nbdew (qabel is-7 ta’ Gunju 2004), izda biss il-mandat ta’ arrest, u li konsegwentement il-proceduri ghall-estradizzjoni ta’ Stephens kienu u ghadhom regolati bil-*European Convention on Extradition*. Skond l-intimat, ghalhekk, il-mandat ta’ arrest (gdid) li inhareg fit-23 ta’ Novembru 2004 minnufih wara li nghatat l-imsemmija sentenza ma kellux ghalfejn ikun konformi mar-regolament 62 tal-A.L. 320/2004, bil-konsegwenza ghalhekk li kien bizzejjed mandat ta’ arrest mahrug taht id-disposizzjonijiet generali tal-Kodici Kriminali kif kien isir ghall-finijiet tal-imsemmija *European Convention on Extradition*.

**7.** L-ewwel kwistjoni li, ghalhekk, din il-Qorti trid tindirizza hija dik ta’ jekk il-proceduri ta’ estradizzjoni, gja mibdija qabel it-23 ta’ Novembru 2004, spiccawx jew gew fix-xejn malli gie dikjarat li l-mandat ta’ arrest tal-5 ta’ Frar 2004 kien null u bla effett. Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li, sal-mument ta’ tali dikjarazzjoni minn din il-Qorti (diversament komposta), il-proceduri ta’ estradizzjoni ta’ Stephens kienu regolati bil-*European Convention on Extradition* u kienu qed jitmexxew, kemm mill-awtoritajiet Maltin kif ukoll mill-awtoritajiet Spanjoli, skond din il-*Convention.* Issa, kif inhu risaput – u kif ukoll b’mod indirett donnha ppruvat tfisser l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata – <u>il-bazi</u> ta’ kull procedura ta’ estradizzjoni hija t-<u>talba</u> li pajjiz jaghmel lil pajjiz iehor sabiex titregga’ lura persuna u <u>mhux il-mandat ta’ arrest</u> (jew, f’kaz ta’ talba ghat-treggigh lura ta’ persuna ikkundannata, is-sentenza) li talvolta jkun inhareg fil-konfront tal-persuna li l-estradizzjoni taghha tkun qed tintalab. Dan jirrizulta b’mod l-aktar car anke mid-dicitura

tal-artikoli 12 u 16 tal-*European Convention on Extradition*, li jiddistingwu bejn “the request” u s-“supporting documents”. Fil-kaz in dizamina, il-mandat ta’ arrest skond il-ligi Maltija huwa “supporting document” mehtieg sabiex it-talba ghall-estradizzjoni tiehu l-kors normali taghha. It-talba ghall-estradizzjoni ghandha ezistenza separata u distinta minn kull “supporting document” li talvolta jista’ jkun mehtieg skond l-arrangament ezistenti bejn iz-zewg pajjizi. Isegwi, ghalhekk, li, fin-nuqqas ta’ xi disposizzjoni ta’ ligi li espressament tipprovdi li jekk mandat ta’ arrest (jew sentenza) jigi dikjarat null u bla effett it-“talba” ghall-estradizzjoni ghandha wkoll tigi meqjusa mitmuma, tali talba tibqa’ fis-sehh u vigenti, u tista’ tigi sorretta b’dokumenti godda li jissostitwixxu dawk li jkunu gew dikjarati nulli jew altrimenti monki. Fil-kaz in dizamina ma hemm xejn x’jindika li l-Istat Malti, wara s-sentenza tat-23 ta’ Novembru 2004, ceda jew irtira t-“talba” li kien ghamel lill-awtoritajiet kompetenti Spanjoli ghall-estradizzjoni ta’ Stephens. Konsegwentement it-tezi ta’ l-appellant, ghalkemm wahda ingenjuza, ma ssibx konfort la fil-prassi ta’ l-estradizzjoni u lanqas fil-ligi Maltija, u din il-Qorti m’ghandhiex esitazzjoni li tiddikjara li d-dikjarazzjoni li l-mandat ta’ arrest tal-5 ta’ Frar 2004 kien null u bla effett b’ebda mod ma effettwa l-esistenza tal-proceduri ta’ estradizzjoni mibdija precedentement ghal dik id-dikjarazzjoni.

**8.** Dan stabbilit, wiehed irid jara, pero`, jekk minhabba d-dhul fis-sehh ta’ l-Ordni ta’ l-2004 dwar Pajjizi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, il-mandat ta’ arrest gdid li inhareg fit-23 ta’ Novembru 2004 kellux ikun skond ir-regolament 62 ta’ l-imsemmi Ordni. It-twegiba ghal dan il-kwezit hija decizament fin-negattiv. Ir-regolament 3(2) tal-A.L. 320/2004 jipprovdi espressament li *“L-Att rilevanti u kull Ordni li japplika u li kien fis-sehh qabel id-data rilevanti* [25] *ghandu jkompli japplika ghal talbiet ghat-treggigh lura ta’ persuna kriminali mahruba* [26] *lejn pajjiz skedat li jkun ghandu pendenti f’Malta fid-data rilevanti* ***u ghal talbiet maghmulin minn Malta lil pajjiz skedat***

[25] 7 ta’ Gunju 2004.
[26] Ara d-definizzjoni ta’ “kriminali mahrub” fl-Artikolu 2(1) tal-Kap. 276, taht liema ligi principali sar l-Avviz Legali 320/2004.

***qabel id-data rilevanti, u kull arrangament li jkun japplika bejn dak il-pajjiz u Malta qabel id-data rilevanti ghandu jibqa' wkoll japplika ghal dawk it-talbiet*"**[27] (enfasi ta' din il-Qorti). Dan ifisser, li galadarba t-talba ta' Malta kienet saret taht il-*European Convention on Extradition* u dik it-talba kienet ghadha, kif rajna, pendenti fis-7 ta' Gunju 2004, kwalsiasi dokument li seta' kien mehtieg kellu jissodisfa ir-rekwiziti ta' dik il-*Convention* u mhux xi rekwiziti ta' l-Ordni l-gdid.

**9.** It-tielet u l-ahhar punt li jrid jigi deciz hu, allura, jekk il-mandat ta' arrest (gdid) mahrug fit-23 ta' Novembru 2004 kienx jissodisfa r-rekwiziti tal-*European Convention on Extradition* bhala "supporting document" ghat-talba ghall-estradizzjoni ta' Stephens. Jibda biex jinghad li l-imsemmija *Convention* ma tispecifikax b'xi mod dettaljat kif ghandu jkun jew x'ghandu jkun fih tali mandat ta' arrest – hija bazikament tirreferi lura ghal-ligi domestika ta' "the requesting state". Infatti, l-artikolu 12(2)(a) tal-*Convention* ighid li t-talba ghandha tkun "supported" minn, fost ohrajn, *"the original or an authenticated copy…of the warrant of arrest <u>or other order having similar effect</u> and issued in accordance with the procedure laid down in the law of the requesting Party…"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Din il-Qorti ma tara li hemm assolutament xejn fil-mandat ta' arrest tat-23 ta' Novembru 2004 – li fotokopja tieghu tinsab ezibita a fol. 42 ta' l-inkartament – li b'xi mod jikkozza ma din id-disposizzjoni tal-*Convention*. Huwa veru li, bhala regola, mandati taht l-Artikolu 355V jinhargu sabiex persuna tigi arrestata f'Malta; izda ma hemm xejn fl-imsemmi Artikolu 355V li espressament jew b'implikazzjoni neccessarja jeskludi li tali mandat jinhareg ghall-finijiet ta' proceduri ta' estradizzjoni. Anzi, il-kliem uzati fl-imsemmi artikolu 12(2)(a) pjuttost jindikaw proprju li dak li hu mehtieg huwa mandat ta' arrest, jew l-ekwivalenti (ez. l-ordni ta' Qorti), li jkun primarjament intiz ghall-arrest ta' persuna <u>fil-pajjiz rikjedenti</u>. Ghalhekk anke dan l-aggravju ta' l-appellant qed jigi respint.

---

[27] It-test ingliz, li hu grammatikament aktar korrett, jghid hekk: "The relevant Act and any applicable Order in force before the relevant date shall continue to apply to requests for the return of a fugitive criminal to a scheduled country pending in Malta on the relevant date and to requests made by Malta to a scheduled country before the relevant date, and any arrangement applicable between that country and Malta before the relevant date shall also continue to apply to those requests."

**10.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ dan l-appell jithallsu mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------